DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 182162** **07.10.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker jiltaqa' mal-pubbliku waqt Notte Bianca***

Għal sena oħra l-Parlament reġa' fetaħ il-bibien tiegħu għall-pubbliku bħala parti mill-attivitajiet ta' Notte Bianca. Din is-sena wkoll il-membri tal-pubbliku kkonkorrew bi ħġarhom għal din l-attività, fejn fiha kellhom l-opportunità li jiltaqgħu mal-Ispeaker Anġlu Farrugia u ma' uffiċjali tal-Parlament. L-Ispeaker tkellem kemm dwar l-istorja tal-Parlament kif ukoll dwar il-ħidma li ssir fil-Parlament. Huwa għamel referenza għal kif beda l-Parlament bl-għoti tal-Kostituzzjoni Amery-Milner fl-1921 u kif żviluppat din l-istituzzjoni minn dak iż-żmien 'l hawn. Huwa semma wkoll ix-xogħol siewi li jsir mill-Membri Parlamentari, kemm fil-plenarju f'dak li huwa xogħol leġiżlattiv, kif ukoll fil-konsiderazzjoni ta' diversi materji topiċi fil-bosta kumitati tal-Kamra. Huwa semma wkoll il-ħidma sfiqa li ssir mill-membri fid-diversi fora interparlamentari barra minn Malta.

Waqt din l-attività l-Ispeaker iltaqa' ma' għalliema tal-Giovanni Curmi Higher Secondary School li kienu preżenti fl-entratura tal-Parlament sabiex jagħtu tagħrif dwar il-programmi ta' studji akkademiċi li jingħataw fl-iskola tagħhom.

L-Ispeaker Farrugia ltaqa' wkoll mal-artist Anthony Spagnol, li tul dawn il-ġimgħat kien qiegħed jesebixxi wirja ta' arti astratta fid-daħla tal-Parlament.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**